**NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 35 – IT-TLIETA, 3 TA' SETTEMBRU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru (wasal fil-5.30pm) |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 34 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

1.3. F'dan il-ħin wasal is-Sur Bonello. Il-ħin kien il-5.30pm.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li saret mal-MEPA dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali b'mod partikulari dwar Baħar iċ-Ċagħaq. Għal-laqgħa attendew is-Sinj. Cuomo, is-Sur Bonello, is-Sinj. Muscat u s-Segretarju Eżekuttiv.

2.2. Il-membri tal-MEPA laqgħu s-suġġerimenti mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq dwar diversi siti f'Baħar iċ-Ċagħaq u wegħduhom li se jittieħdu inkonsiderazzjoni. Infatt l-Kumitat approva wkoll il-minuti mibgħuta mill-ufficjali tal-MEPA.

2.3. Iċ-*Chairperson* semmiet is-seminar li attendiet dwar il-bereġ. Hija qalet li għas-seminar attendew is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Herrera u s-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Farrugia. Is-Sinj. Cuomo avviċinat lill-Onorevoli Farrugia u staqsietu dwar il-possibilità li ssir berġa f'Baħar iċ-Ċagħaq.

2.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dak inhar ta' din il-laqgħa tkellmet mal-Onor Herrera fejn esprimiet ix-xewqa tal-Kumitat li jiltaqa' miegħu. Saret talba formali iżda s'issa għad ma kien hemm l-ebda risposta.

2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li, fid-dawl li huwa dubjuż kemm ikun hemm użu ta' berġa f'Baħar iċ-Ċagħaq, il-Kumitat għandu jipproponi lill-awtoritajiet ċentrali biex ikollhom *mobile clinic* li tkun tista' timxi minn post għall-ieħor skont id-domanda. Il-Kumitat laqa' din l-idea u talab li titressaq il-proposta lill-Ministeru tas-Saħħa.

2.6. Il-Kumitat kien infurmat li kienet waslet email mingħand l-Awtoritajiet tas-Saħħa fejn qalu li l-ilma li ħiereġ minn Splash and Fun mhux kontaminat.

**3. ATTIVITAJIET SPORTIVI**

3.1. Is-Sinj. Vella semmiet lil ċertu Denise Micallef li tgħallem l-attività fiżika sabiex il-Kumitat jikkonsidraha biex tagħmel dawn it-tip ta' klassijiet f'Baħar iċ-Ċagħaq.

3.2. Is-Sur Gatt issuġġerixxa sabiex issir laqgħa bejn il-Kumitat, Fr Paul Attard u s-Sinj. Denise Micallef sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-organizzazzjoni ta' klassijiet ta' attività fiżika f'Baħar iċ-Ċagħaq iżda mhux f'isem il-Kumitat imma f'isem il-Knisja bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. Dan biex ikunu evitati problemi li jista' jkun ta' ħlasijiet u ġbir ta' flus.

3.3. Is-Sinj. Vella qalet li l-klassijiet taż-Żumba se jibqgħu jiġu organizzati iżda klassijiet ta' Aerobics u Pilates għal issa m'hemmx il-ħsieb li jkomplu jiġu organizzati minħabba n-nuqqas ta' konkorrenza kif ukoll minħabba l-ħsieb ta' klassijiet il-ġodda li possibilment tibda torganizza s-Sinj. Denise Micallef.

**4. PETIZZJONI KONTRA LI JITĦALLEW IL-KLIEB JGĦUMU F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

4.1. Is-Sinj. Muscat ippreżentat petizzjoni biex tintbagħat f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Din hija petizzjoni kontra li Baħar iċ-Ċagħaq ġie stabbilit bħala post fejn fih jistgħu jgħumu l-klieb. Dwar dan hemm diversi ilmenti minn persuni, kemm residenti kif ukoll mhux.

4.2. Is-Sinj. Vella qalet li minn kemm ilhom li twaħħlu t-tabelli li jgħidu li fil-bajja jistgħu jgħumu l-klieb, żdied ħafna l-ħmieġ tal-klieb.

4.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Onorevoli Roderick Galdes u kopja lill-istampa bil-petizzjoni annessa.

4.4. B'żieda mal-petizzjoni ċ-*Chairperson* qalet li għandha tintbagħat ittra lid-direttur tal-Artijiet, is-Sur Eman Schembri, dwar il-ħmieġ li se jħallu warajhom sidien il-caravans hekk kif jitilqu.

**5. IR-RESPONSABBILTÀ TÀ ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI**

5.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li kellha mal-Perit Robert Fenech fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli dwar in-nuqqasijiet li għandu l-Ġnien.

5.2. Il-perit Fenech ħa nota tan-nuqqasijiet kollha diskussi u l-għada stess bagħat *email* lid-Direttur il-Perit Anton Camilleri.

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa rċieva email mingħand il-Perit Anton Camilleri fejn qiegħed jitlob lill-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq sabiex joħrog l-ammont ta' bejn l-€2,000 u t-€3,500 sabiex isir terf artifiċjali fil-*5-a-side pitch* tal-Ġnien.

5.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li ma taqbilx ma' tali talba l-għaliex l-istess dipartiment kien avżat sa mill-bidu sabiex jagħmel terf artifiċjali iżda baqa' ma tax widen.

5.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-perit Fenech issuġġerixxa sabiex il-bieb li hemm fil-Ġnien jinżamm miftuħ u msakkar b'katnazz sabiex ħadd ma jkun jista' jgħalqu. Dan jingħalaq biss meta jkun meħtieġ u l-fatt li jibqa' miftuħ u marbut b'katnazz, ikun hemm anqas riskju li t-tfal jilgħabu miegħu u jweġġgħu jew jagħmlulu l-ħsara lill-istess bieb.

5.6. Iċ-*Chairperson* qalet li l-fanali l-baxxi tneħħew kollha.

5.7. Is-Sur Gatt qal li rċieva email mingħand id-dipartiment sabiex issir id-devoluzzjoni tal-Ġnien u hekk jgħaddi f'idejn ir-responsabilità tal-Kumitat Amministrattiv ta'

Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-kera jibda jħallasha l-Kumitat.

5.8. Is-Sur Bonello qal li l-Kumitat għandu jqabbad *Health & Safety officer* sabiex jivverifika li m'hemm xejn ta' periklu. Dan għandu jsir qabel ma jkun ikkunsidrat li ssir id-devoluzzjoni.

5.9. Fl-aħħar u mhux l-inqas il-Kumitat kien tal-fehma li f'dan l-istadju mhumiex se jieħdu r-responsabbiltà tal-Ġnien għal żewġ raġunijiet ewlenin. Dawn huma l-għaliex il-Ġnien għadu fi stat diżastruż filwaqt li l-Kumitat m'għandux il-fondi sabiex ikun jista' jieħu ħsiebu kif imiss.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Muscat semmiet it-tappiera li hemm fi Triq ir-Ridott kantuniera ma' Triq Xatt il-Palm. Hija qalet li hemm bżonn isir rapport lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma sabiex isirilha daqsxejn lakstu u hekk ma tibqax tagħmel ħsejjes.

6.2. Is-Sinj. Muscat semmiet li hemm bżonn tintbagħat komunikazzjoni oħra lit-Transport Malta sabiex titneħħa l-billboard li qiegħda fi Triq ir-Ridott kantuniera a' Triq il-Kosta. Dan għaliex qiegħda tgħatti l-viżjoni tas-sewwieqa li jkunu se jidħlu jew joħorġu minn Baħar iċ-Ċagħaq.

6.3. Is-Sinj. Muscat u s-Sinj. Cuomo qalu li l-Kunsill jeħtieġ li jitkellem mal-kuntrattur li jieħu ħsieb l-iskips sabiex jaħsel kull skip li hemm f'Baħar iċ-Ċagħaq għax qegħdin irejħu.

6.4. Is-Sinj. Vella qalet li t-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq għandhom bżonn jinkinsu sewwa u hekk talbet lill-Kunsill sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan.

6.5. Is-Sinj. Muscat resqet talba sabiex isir *bin* maġenb l-istage li tinsab faċċata tal-i*Splash and Fun.*

6.6. Is-Sur Bonello qal li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti ta' Star Estate sabiex jibdew jagħmlu l-boroż tal-iskart maġenb l-entratura ta' Star Estate. Dan għaliex fil-preżent hemm min qiegħed jagħmilhom maġenb l-iskipps ta' Triq Anton Manwel Caruana. F'dan id-dawl is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu tal-idea li l-ittra għandha titlob l-opinjoni tar-residenti ta' Star Estate jekk jaqblux li jsir skip ġewwa tal-kumpless għar-rimi tal-boroż tagħhom. Din tintbagħat wara li l-kuntrattur jaċċetta li jiżdied skip fil-kumpless.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru, 2013 ghal 5:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |